**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta’ Ottubru 2023**

Rikors Numru: 329/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1450/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet fis-sitta ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (06/06/2014) iżżewġu bir-rit Kattoliku ġewwa l-knisja ta' San Mattew fil-Qrendi u dan skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A u minn liema żwieġ huma kellhom żewġt itfal ossia E F B li twieldet nhar l-ħamsa ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (05/01/2015) u G

B li twieled fit-tieni ta’ Marzu tas-sena elfejn u tmintax (02/03/2018) għaldaqstant għadhom minorenni u dan skont iċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u immarkati bħala Dok Bu Dok C;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-sebgħa u għoxrin ta' Mejju tas- sena elfejn u għoxrin (27/05/2020) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Fiona Żammit Armeni, kopja tal-istess kuntratt qedgħha tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok D;

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin u legalment separati, illum ghandhom ħajja totalment aljena minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma persuni oħra/familji ġodda;

4. Illi l-esponenti dejjem mexa mal-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni u ħallas il-manteniment kif dovut u l-ispejjeż l-oħra ancillari kif inhu dovut minnu;

5. Illi r-rikorrent qiegħed jiddikjara li qatt ma kien hemm problemi fit-twettieq ta xi obbligazzjoni illi huwa kellu jsegwi u li kienu naxxenti mill-kuntratt ta-separazzjoni fuq surriferit;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet u sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-intimata C D taqbel mal-fatti kif dedotti mill-istess rikorrenti u cioe` li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Gunju tas-sena 2014, mil-liema zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal E F B u G B ta' eta' minuri;

2. Illi l-kontendenti partijiet addivjenu ghal kuntratt ta' firda personali in atti Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fis-27 ta' Mejju tas-sena 2020 b'dan illi minndik id-data 'l quddiem l-istess partijiet irregolaw de jure l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom;

3. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;

4. Illi l-minuri E F B u G B qeghdin jircievu manteniment adegwat fil-konfront taghhom pero` ir-rikorrenti jinsab moruz fil-hlas tal-gholi tal-hajja, liema manteniment kellu jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja, b'mod awtomatiku u minghajr ebda interpellazzjoni da parti tal-mara skont l-istess kuntratt ta' firda personali;

5. Illi f'kaz li r-rikrrenti jirregola ruhu fil-mori ta' dawn il-proceduri fir-rigward tal-arretrati tal-gholi tal-hajja, l-intimata m'ghandha l-ebda oggezzjoni li din l-Qorti takkordna l-hall taz-zwieg u konsegwenti divorzju tal-partijiet.

Daqstant ghandha l-intimata x'tissottometti ghas-salvju gudizzju ta' din l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Gunju 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata illi inizjalment opponiet ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi kien hemm xi pendenzi fir-rigward tal-ħlas ta' manteniment;

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2023 illi fiha Dr. Zammit Tabona għall-intimata nformat lill-Qorti li r-rikorrenti kien ħallas l-arretrati kollha dovuti u ghalhekk l-intimata rtirat l-oġġezzjoni tagħha għat-talbiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Mejju 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.